



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**B8-0326/2016**

17.2.2016

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa skont l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-definizzjoni mill-ġdid tal-leġiżlazzjoni rigward il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni ta' prodotti tal-ġilda Taljani u Ewropej

**Gianluca Buonanno**

**Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar id-definizzjoni mill-ġdid tal-leġislazzjoni rigward il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni ta' prodotti tal-ġilda Taljani u Ewropej**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 133 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi s-settur tal-prodotti tal-ġilda Taljani, waħdu jokkupa aktar minn nofs il-produzzjoni kollha Ewropea;
- B. billi dan qed jintlaqat b'mod dirett mill-falsifikazzjoni u mill-kuntrabandu tal-"made in Italy" falz;
- C. billi ċ-ċifri tal-falsifikazzjoni tal-prodotti tal-ġilda Taljani huma allarmanti u qed jiżdiedu b'mod sinifikanti u l-ħsara hija stmata għal EUR 1 biljun, ekwivalenti għal madwar 4 000 impjie;
- D. billi t-telf ta' dħul mill-VAT u mit-taxxi evażi huma l-kawża tat-tnaqqis fil-bejgħ fl-Unjoni Ewropea kollha;
  1. Jitlob lill-Kummissjoni tadotta miżuri straordinarji bl-għan li treġġa' lura dit-tendenza ta' żieda fil-qgħad fost iż-żgħażaġħ fl-Italja;
  2. Iqis neċessarju li tingħata prijorità lill-kwistjoni dwar il-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-kuntrabandu;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri straordinarji bl-għan li timminimizza dan il-fenomenu.